MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 76/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**vs.**

**Denis Zammit**

**Illum 8 ta' Marzu, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Denis Zammit ta' 38 sena iben Anthony u Carmela Saliba imwieled Pieta fil-6.11.1966 u joqghod Frank Flats, Flat 4, Triq l-Universita`,

Msida kif ukoll Door A, Flat 1, Triq l-Eucalyptus, San Gwann, I.D. 456966M gie akkuzat:

Talli fil-1.6.2004 ghal habta tas-6.30pm gewwa l-Msida minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieged il-hajja ta' martu Christine Zammit f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha jew gabilha disordni f'mohha liema offiza hija gravi li gabet debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem ta' Christine Zammit, difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew gabet mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Christine Zammit jew marda tal-modd jew tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed, inkella gha daqshekk zmien, zammet lil Christine Zammit milli tmur ghax-xoghol taghha u dan kif iccertifika Dr Muscat M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira. Dan bi ksur tal-
artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SG3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu .

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Denis Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9

tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Denis Zammit ghall-piena komplessiva ta’ tmintax-il (18) xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tliet (3) snin mil-lum l-imputat Denis Zammit jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Denis Zammit b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Chrstine Zammit ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Denis Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------